



Brussell, 6 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14723/23

LIMITE

EEE 38

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Hídma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Fieles (EFTA)
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Is-57 laqgħa tal-Kunsill taż-ŻEE (Brussell, 20 ta' Novembru 2023)

1. Is-57 laqgħa tal-Kunsill taż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE") hija skedata għall-20 ta' Novembru 2023 fi Brussell. F'konformità mal-Artikolu 2(5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill taż-ŻEE, l-aġenda tal-57 laqgħa tal-Kunsill taż-ŻEE għandha tiġi adottata mill-Kunsill taż-ŻEE fil-bidu tal-laqgħa.
2. Fir-rigward tal-punti għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill taż-ŻEE tal-20 ta' Novembru 2023, il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Punt 5 (Dibattitu ta' Orjentazzjoni: Sigurtà Ekonomika) tal-aġenda tal-Kunsill taż-ŻEE ser tkun ibbażata fuq l-elementi rilevanti inklużi fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fid-29-30 ta' Ġunju 2023 (EUCO 7/23) u s-26-27 ta' Ottubru 2023 (EUCO 14/23). Fin-nuqqas ta' ftehim dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet li għandu jiġi adottat mill-Kunsill taż-ŻEE fil-57 laqgħa tiegħu, il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Punt 4 (Valutazzjoni tal-funzjonament ġenerali tal-Ftehim ŻEE) ser tkun ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Membri tal-Kunsill taż-ŻEE tat-28 ta' Mejju 2021 (8628/21), sa fejn l-elementi inklużi fid-Dikjarazzjoni għadhom rilevanti fid-dawl tal-iżviluppi li saru mit-28 ta' Mejju 2021 'l hawn.

3. F'dan il-kuntest, il-Coreper/il-Kunsill huwa għalhekk mistieden jaqbel li l-aġenda proviżorja għal-laqgħa, kif tinsab fid-dokument EEE 1604/23 (ara l-Anness) tiġi ppreżentata lill-Kunsill taż-ŻEE għall-adozzjoni u jieħu nota li l-pożizzjoni tal-Unjoni ser tkun ibbażata fuq l-elementi deskritti fil-paragrafi preċedenti.
-

EUROPEAN ECONOMIC AREA
Council of the EEA

Brussels[...]
(OR. en)

EEE 1604/23

PROVISIONAL AĠENDA

Subject:	57th Meeting of the EEA Council Brussels, 20 November 2023
Date:	20 November 2023
Venue:	Brussels

1. Adozzjoni tal-Aġenda Proviżorja (dokument 1604/23)

Punti għall-adozzjoni mingħajr diskussjoni minn qabel

2. Minuti tas-56 laqgħa tal-Kunsill taż-ŻEE li saret fi Brussell fl-24 ta' Novembru 2023 (dokument 1605/24)
3. Rapport ta' Progress mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (dokument 1606/23)

Punti għal diskussjoni

4. Valutazzjoni tal-funzjonament ġenerali tal-Ftehim ŻEE
5. Dibattitu ta' Orjentazzjoni: Sigurtà Ekonomika.

Punt għal diskussjoni possibbli

6. Affarijiet oħra